

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0047/08
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Marcin Libicki f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet
lill-Kunsill

Suġġett: Petizzjoni għal Sede Waħda - 630/2006

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet irrikonoxxa u ddikjara ammissibbli petizzjoni (il-Petizzjoni 630/2006 ffirmata minn Cecilia Malmström f'isem il-Kampanja għal Riforma Parlamentari) li għandha l-appoġġ ta' miljun u kwart ta' miljun ruħ li qegħdin jistiednu lill-Parlament Ewropew sabiex jadotta "sede waħda" u għaldaqstant jevita l-prattika kurrenti li jiltaqa' għal tnax-il sessjoni fis-sena fi Strasburgu kif miftiehem f'Edinburgh fl-1992 u kif stabbilit fil-liġi primarja. Il-petizzjonanti jqisu li l-Parlament kieku jikseb effikaċja u responsabilità billi jkun iktar viżibbli għaċ-ċittadini filwaqt li jiffranka somom konsiderevoli ta' flus li jstgħu jintużaw aħjar. Il-petizzjoni tistieden lill-Parlament Ewropew sabiex jieħu pożizzjoni dwar din il-kwistjoni għalkemm jidher biċ-ċar li kwalunkwe deċiżjoni għal bidla fl-arranġament kurrenti hija responsabilità ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tal-gvernijiet tagħhom.

Il-Kunsill iqis li wasal iż-żmien li fl-aħħar tintlaħnaq ftehimu dwar sede waħda għall-Parlament Ewropew fi Brussell u l-Kunsill kif jipproponi li jwettaq bidla b'nal din b'rabta ma' din il-petizzjoni?

Tressiq: 18.04.2008
Mibgħuta: 21.04.2008
Skadenza: 12.05.2008